**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 28 ta' Lulju 2023**

**Kumpilazzjoni Numru 31/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Omar Mohamad**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mohamad Omar ta' 26 sena, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 166653A li permezz taghhom gie akkuzat talli nhar il-5 ta' Gunju 2022 ghall-habta ta' 07.30 am fi Triq il-Port, Zebbug Ghawdex u/jew fil-vicinanzi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta'natura gravi fuq il-persuna ta' Ahmed Homdi hekk kif iccertifika Dr Petr Lipavsky MD minn Sptar Generali t' Ghawdex u dan ai termini tal-artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunajt griehi ta' natura hfief fuq il-persuna ta' Adrianna Chojnacka hekk kif iccertifika Dr Petr Lipavsky MD minn l-Isptar Generali t' Ghawdex u dan bi ksur tal-artikoli 221 tal-kapitolu 9;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunajt griehi ta' natura hfief fuq il-persuna ta' Jacek Tomasz Chojnacki hekk kif iccertifika Dr Petr Lipavsky MD minn l-Isptar Generali t' Ghawdex u dan bi ksur tal-artikoli 221 tal-kapitolu 9

4. U aktar talli fl-istess lok, hin, data u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess lok, hin, data u cirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-ghamla Citroen Berlingo bil-pjanca tar-registrazzjoni KSM 777 b' mod traskurat, perikoluz jew bla kont u dan bi ksur tal-artikoli 15(1)(a) tal-kap 65;

F' kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Ahmed Homdi, Adrianna Chojnacka u Jacek Tomasz Chojnacki u dan ai termini tal-Art 382ª u 383 et seq tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-qorti giet gentilment mitluba illi minn issa tipprovdi ghal garanzija ta' Ahmed Homdi, Adrianna Chojnacka u Jacek Tomasz Chojnacki skond artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imputat jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda licenzja tas-sewqan ghall-perijodu li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati.

Semghet il-provi.

Rat l-artikoli mahruga.

Rat li l-imputat ma ghandhux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Din il-qorti fliet il-provi migbura.

Fil-mori ta' dawn il-proceduri, Ahmed Homdi, Adrianna Chojnacka u Jacek Tomasz Chojnacki ddikjaraw bil-gurament taghhom li ma jixtiequx jixhdu u ghazlu li jibqghu siekta in vista ta' proceduri ohra li hemm fil-konfront taghhom fir-rigward l-istess incident.

Il-Qorti ghandha quddiemha varji xhieda, izda dawn kollha rraportaw dak li kienu qalulhom l-allegati vittmi jew addirittura l-istess imputat. L-ebda wiehed minn dawn ix-xhieda ma kien xhud okulari li ra l-allegat incident jsehh. Il-Qorti ghandha wkoll l-istqarrija moghtija mill-imputat u xi filmati, kif ukoll ix-xhieda tat-tobba li ezaminaw lill-allegati vittmi. Madanakollu, xhin tqies l-assjem tal-provi kollha, din il-Qorti hija samja mill-ahjar prova

u cioe' mix-xhieda ta' l-allegati vittmi li kienu prezenti waqt li kien qed isehh dan l-allegat incident.

Fl-isfond ta' dan kollu, u wara li l-Qorti fliet l-atti kollha u l-provi mressqa, hija tqis li l-imputazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront tal-imputat ma gewx ippruvati mill-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq sottomessi, din il-Qorti mhux qed issib lil imputat hati ta' l-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tieghu u qed tillibera lil Mohamad Omar minn kull kundanna u htija.

(ft.) Dr. Simone Grech

Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur